QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

S.T.O. CARMELO SCHEMBRI LL.D., PRESIDENT
ONOR. OLIVER J. GULIA B.A., LL.D.
ONOR. HUGH HARDING B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.

Seduta ta' nhar

It-Tnejn, 2 ta' Novembru, 1981.

Ir-Repubblika ta' Malta
kontra
LOUIS SIVE LEWIS BARTOLO

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Appell tal-imsemmi Louis sive Lewis Bartolo tad-29 ta' Settembru, 1981, u li bih l-istess Louis sive Lewis Bartolo, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talab lill din il-Qorti tirriforma u timmodifika d-deciz-joni moghtija mill-Qorti Kriminali fl-imsemmijiet premessi fl-24 ta' Settembru, 1981, billi tikkonfermaha in kwantu laqghe it-tieni eccezzjoni tad-Difisa u ma ammettietx is-smiegh tax-xhud Jean Cali', ammettiet dawk ix-xhieda li jipprovaw il-kondotta tal-mejjet John Bondin kemm in kwantu ghall-garr ta'armi kemm ukoll ghall-karattru vjolenti li huwa setgha kellu, ammettiet il-produzzjoni tal-fedina penali tal-mejjet Bondin u tax-xhud Louis Caschieri, u ammettiet ix-xhieda Gerald Spiteri, P.S. 1113 Paul Grech Mallia, P.C. 123 John Zammit, P.S. Alfred Fabri, Maria Bartolo, Margaret Bartolo, Dennis Carabott, Onorevoli Ministru Danny Cremona biex jixhed limitatament dwar l-incidenti li ghali-hom kien prezenti hu u li fihom kien imdahhal John Bondin, il-Kummissarju tal-Pulizija limitatament biex jesibixxi l-fedina penali ta' John Bondin u ta' Louis Caschieri, P.C. 167 John Cassar, Joseph Farrugia, Avukat Dottor Ettore Lucia Ralph Arrigo, Alfred Cachia, Grace Bondin, Pierre Grima, Gloria Curmi, Joseph Grech Marguerat, Spettur Angelo Farrugia limitatament biex jixhed dwar incident li gara fil-Verdala

Hotel; u tirrevokaha in kwantu cahdet it-talba tal-appellant imsemmi ghall-produzzjoni tat-tliet (3) xhieda msemmija fir-rikors tas-17 ta' Settembru, 1981 biex jixhdu f'dan l-istadju, ammettiet ix-xhieda kolla li ntemghu mill-Qorti Istruttorja fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 1981, ghaliex ittiehdu skond il-ligi u ntemghu korrettement; tirrevokaha ukoll in kwantu ddikjarat illi x-xhieda mitluba biz-zewg rikorsi u noti tal-31 ta' Awissu, 1981 u tal-15 ta' Settembru, 1981 ma gewx mitluba skond il-ligi, u ghalhekk cahdet it-talba tad-Difiza ghall-produzzjoni tax-xhieda kemm bir-rikors u nota tal-31 ta' Awissu, 1981, u kemm bir-rikors u nota tal-15 ta' Settembru, 1981; u tirrevokaha ukoll in kwantu cahdet it-talba ghall-produzzjoni tax-xhud Maria Bondin maghmula b'rikors tas-16 ta' Settembru, 1981; u tilqa t-talba tal-imsemmi appellant ghall-produzzjoni tat-tliet (3) xhieda msemmija fir-rikors tas-17 ta' Settembru, 1981, biex jixhdu f'dan l-istadju; tiddikjara inammissibbli bhala prova d-deposizzjonijiet maghmula quddiem il-Qorti Istruttorja fis-seduta taghha tal-20 ta' Marzu, 1981, fil-ghodu, minhabba l-assenza gustifikata tad-Difiza; tiddikjara ammissibbli lix-xhieda Jean Agius, Tony Debono, Spettur Charles Demicoli, Tabib Principali tal-Gvern, Onorevoli Ministru Dottor Vincent Moran, S.R.K. Carmel Cachia, Pulizija 'on duty' fl-ghassa ta' San Giljan fl-10 ta' Marzu, 1981, filghodu (jigifieri, P.S. 10 Tarcisio Pulis, P.C. 208 C. Mintoff, P.C. 390 A. Schembri u P.C. 181 A. Busuttil), P.C. 376 Joseph Azzopardi, P.C. 1086 John Saliba, P.S. 1101 Joseph Azzopardi, Supt. Gaetano Pace, Emanuel Micallef, Victor Muscat, John Mifsud, Mario Scerri, Raymond Caruana Raymond Gauci, Vincent Micallef, Registratur tal-Qrati, Avukat Generali, Derek Conti, Onorevoli Ministru Dottor

Patrick Holland, Joseph Abela, Emanuel Mackay, Magistrat Dottor Stephen Borg Cardona, Anthony Jones, Joseph Amato, Mark Grima, John Casha, George Ferris, Wilfred Caruana, Julian Bonello, Joseph Farrugia, P.S. 1190 Lia, P.C. 456 A. Pisani, Supt. Carmelo Spiteri, Emanuel Azzopardi, Onorevoli Ministru Danny Cremona biex jixhed ukoll dwar il-karattru u l-imgieba ta' Bondin, Kummissarju tal-Pulizija biex jindika min kienu dawk il-Pulizija li kienu 'on duty' fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fl-10 ta' Marzu, 1981, fil-ghodu, u l-Ispettur Angelo Farrugia biex jixhed ukoll dwar investigazzjonijiet dwar Bondin u dwar l-istqarrija tal-akkuzat, jekk kien prezenti, u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ma ammettiethomx bhala xhieda in parti jew interament; tilqa t-talba tal-imsemmi appellant ghall-produzjoni tax-xhieda indikati b'rikors u nota tal-31 ta' Awissu, 1981, (erbgha xhieda) u b'rikors u nota tal-15 ta' Settembru, 1981 (tlieta u ghoxrin xhud) billi tiddikjara illi l-imsemmija xhieda gew mitluba skond il-ligi; tilqa t-talba maghmula b'rikors tas-16 ta' Settembru, 1981 ghall-produzzjoni tax-xhud Maria Bondin; u tordna li l-kawza tkompli quddiem l-Ewwel Qorti sabiex dina tiddecidi dwar ir-rilevanza o meno tax-xhieda indikati fin-nota tal-31 ta' Awissu, 1981, u dawk indikati fin-nota tal-15 ta' Settembru, 1981;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali tad-29 ta' Settembru, 1981, u li permezz tieghu l-imsemmi Avukat Generali, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talab illi din il-Qorti tirriforma l-imsemmija decizjoni tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Settembru, 1981, billi tiddikjara producibbli x-xhud tal-Prosekuzzjoni Jean Cali, tiddikjara mhux ammissibbli u irrilevanti x-xhieda l-Onorevoli Ministru

Danny Cremona, il-Kummissarju tal-Pulizija, Dottor Ettore Lucia, Ralph Arrigo, Alfred Cachia, Grace Bondin, Pierre Grima, Gloria Curmi, Joseph Grech Marguerat u l-Ispettur Angelo Farrugia in kwantu l-karattru tal-vittma mhux rilevanti ghal dan il-kaz u ghall-istess skop tiddikjara mhux ammissibbli u irrilevanti z-zewg dokumenti esibiti bin-noti tal-14 ta' Awissu, 1981, u tat-18 ta' Settembru, 1981, kif ukoll ix-xhieda Jean Agius u Tony Debono biex jixhdu dwar il-karattru u mgieba ta' Bondin u n-negozju mieghu; u tikkonferma fir-rimanenti partijiet taghha d-decizjoni msemmija tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Settembru, 1981;

Rat l-imsemmija decizjoni tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Settembru, 1981;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semghet it-trattazjoni tal-appell mid-Difiza u l-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti fl-ewwel lok se tibda biex tezamina dak li gie sottomess mill-akkuzat fin-nota tieghu tat-8 ta' Ottubru, 1981, illi, cioe', ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali huwa null stante li ma jikkontjenix talba ghar-revoka ta' dawk il-partijiet tad-decizjoni tal-24 ta' Settembru, 1981 li bihom l-Avukat Generali ihoss ruhu aggravat;

Fil-kliem tal-artikolu 508 I tal-Kodici Kriminali, "barra mill-indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji, ir-rikors (tal-appell) ghandu jkun fih il-fattijiet tal-kawza fil-qosor imma cari, ir-ragunu tal-appell u t-talba tal-appellant";

Fil-kaz tar-rikors in ezami, m'hemmx xejn x'jinghad dwar l-indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji, dwar

il-fattijiet tal-kawza fil-qosor u r-raguni tal-appell, ghax dawn kollha jirrizultaw b'mod car mill-istess rikors u fil-fatt m'hemm l-ebda kontestazjoni dwarhom;

L-akkuzati, pero', jibbaza din l-eccezzjoni tieghu fuq l-element tat-talba billi, ighid hu, ir-rikors tal-Avukat Generali ma jikkontjenix talba ghar-revoka;

Fil-fatt, l-Avukat Generali fir-rikors tieghu jitlob li din il-Qorti "tirriforma d-decizjoni appellata billi tiddikjara producibbli" xhud tal-Prosekuzjoni li b'dik id-decizjoni gie dikjarat inammissibbli, tiddikjara mhux ammissibbli u irrilevanti xhieda u dokumenti tad-Difiza li bl-imsemmija decizjoni gew dikjarati ammissibbli, u tikkonferma l-istess decizjoni fil-partijiet l-ohra taghha;

Dak li qed jitlob l-Avukat Generali, ghalhekk, bir-rikors tieghu jidher abbondantement car, bhal ma jidher ukoll abbondantement car mir-rikors ir-ragunijiet li fuqhom qieghed jibbaza t-talbiet tieghu, u ghalhekk bl-ebda mod ma jista jinghad, kif tallega d-Difiza, illi r-rikors in ezami jikkontjeni biss "talba ghal dikjarazzjoni 'in vacuo'..... li certi provi huma ammissibbli u ohrajn le;

Il-ligi ma tezigi l-ebda kliem sagramentali fir-rikors, u huwa wisq evidenti li meta wiehed jitlob lill-Qorti tat-Tieni Grad biex tiddikjara mhux ammissibbli dak li l-Qorti ta' l-Ewwel Grad tkun iddikjarat ammissibbli, u vice-versa, ikun qieghed manifestament jitlob ir-revoka ta' dak li tkun iddecidiet il-Qorti ta' l-Ewwel Grad, nonostanti li ma tkunx giet uzata specifikament il-kelma "revoka";

Dwar din il-kwistjoni, ghalhekk, ma jidhirx li hemm ghalfejn jinghad izjed, u ghalhekk l-imsemmija eccezzjoni tal-akkuzat dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali qieghda tigi michuda u l-istess rikors

dikjarat validu ghall-finijiet u effetti kolla tal-ligi;

Fil-kontest taz-zewg rikorsi tal-appell li ghandhe quddiemha l-Qorti, i.e. dak tal-akkuzat u dak tal-Avukat Generali, l-ewwel osservazzjoni li tixtieq taghmel hija dik li kull prova li hija rilevanti ghall-"facts in issue" hija ammissibbli. X'inhuma "facts in issue" issibuh spjegat fi "Cross on Evidence" (4th Ed. 1974, p.4) fejn jinghad illi: "The main facts in issue are all those facts which the .... prosecutor in criminal proceedings must prove in order to succeed, together with any further facts that the ..... accused must prove in order to establish a defence";

Jidher, ghalhekk, car illi "facts in issue" f'kaz bhal dak prezenti, m'humiex necessarjament limitati ghall-identifikazzjoni tal-awtur tar-reat, imma jistghu jirriferixxu anke ghal punti mqajma mid-Difiza, bhal dak, per ezempju, ta' legittima difiza. Din il-linja ta' difiza, indipendentement minn kull risultat li eventwalment ikollha, ma tistax tigi evidentement imcahhda lill-akkuzat, il-ghaliex hija id-Difiza li fil-mument opportuni, fit-termin u bil-mezzi stabbiliti u permessi mil-ligi, taghzel x' linja defensjonali se taddotta;

U la darba l-mezz tal-legittima difiza ma jistax jigi preventivament esklus, necessarjament isegwi li fl-ipotesi li d-Difiza taghzel dan il-mezz l-akkuzat ma jistax jigi mcahhad minn provi rilevanti, kompatibilment ma' dak li hu permess mill-ligi, u li permezz taghhom ikun irid isostni din id-difiza;

Rilevanti f'dan ir-rigward dak li jghid Wharton (Criminal Evidence - 12th Ed., 1955, Vol. I, para 217) illi "when an issue is raised as to whether the accused acted

in self defence, the character of the deceased is relevant" u iktar il' quddiem (para 219) illi "on a plea of self-defence, it is always relevant for the accused to show that the deceased was in the habit of carrying weapons, or that he had the reputation of habitually being armed";

Sir Rupert Cross, fit-test tieghu "On Evidence", gia' citat, ighid illi "there is no rule against the reception of relevant evidence prejudicial to the character of the deceased when his death, its cause, or the state of mind of the person who brought it about is in issue" (para.34);

Minn dana kollu li gie premess, ghalhekk, jitniesel illi fl-ipotesi li l-akkuzat jakkampa l-legittima difiza bhala mezz defensjonali (dak li, kif diga' rilevat, ma jistax jigi aprijonistikament esklus) il-provi tad-difiza dwar il-karattru tal-mejjet ghandhom jigu ammessi. Ghandu jigi osservat, pero', illi l-kelma "karattru" hawnhekk ghandha tiftiehem fis-sens ta' u tigi limitata ghar-reputazzjoni generali tal-mejjet, u mhux ghall-imgieba tieghu f'xi okkazjonijiet partikolari. Jinghad f'"Outline of the Law of Evidence" (Cross & Wilkins, 4th Ed., 1975), infatti, illi "in the law of evidence 'character' usually means reputation u ghalhekk f'dan ir-rigward xhieda dwar "karattru" ghandha tkun limitata ghal dak li jaf ix-xhud dwar ir-reputazzjoni generali tal-mejjet;

Xhieda bhal din hija ammissibbli il-ghaliex il-karattru tal-mejjet, fis-sens spjegat u kif maghruf mill-akkuzat (dak li, bhar-reputazzjoni, huwa ukoll kwistjoni ta' prova) ma jistax ma jkollux 'bearing' ~~XXX~~ fuq il-kwistjoni "whether defendant reasonably apprehended danger to his life or great bodily harm" meta sab ruhu f'certi determinati cirkostanzi;

Fil-waqt li dawn il-provi, ghalhekk, huma ammissibbli

reputazzjoni tal-vittima tal-incident, ghax fic-cirkostanzi kongruwi gia' rilevati din ir-reputazzjoni tista tkun ta' ghajnuna ghall-kwesit jekk l-akkuzat, a konoxxenza ta' din ir-reputazzjoni, kien gustifikat ihoss xi "degree of apprehension" li setgha gieghlu jagixxi kif agixxa, l-ebda prova ghall-kuntrarju, ma hija ammissibbli dwar incidenti specifici li setgha kien involut fihom il-mejjet izda li ma jinvolvu bl-ebda mod lill-akkuzat, ghax dawn huma ghal kollox estranei ghall-kaz;

F'dan is-sens kienet iddecidiet ukoll il-Qorti Kriminali, komposta minn tliet Imhallfin, fis-17 ta' Gunju, 1963, fil-guri "Reg vs Alfredo sive Fredu sive Alfred Xuereb" meta qalet testwalment: "Tiddikjara inammissibbli bhala irrilevanti il-provi orali u skritti msemmija mid-Difiza ...... in kwantu intizi biex jigu provati bihom incidenti partikolari mal-mejjet li fihom ma kien bl-ebda mod involut l-akkuzat personalment. Tammetti, pero', dawk il-provi li huma intizi biex tigi provata r-reputazzjoni generali tal-mejjet (kif tallega d-Difiza) bhala bniedem aggressiv u terribbli, indipendentement mill-prova ta' incidenti partikolari";

Fil-kontest u fis-sens, ghalhekk, ta' dak kollu li gie premess, six-xhieda ndikati mill-akkuzat fin-nota tieghu tat-13 ta' Awissu, 1981, tiddeciedi li huma ammissibbli, u ghalhekk qieghda tiddikjara ammissbbli fis-sens iktar l-isfel spjegat dawn ix-xhieda:- (i) Onorevoli Ministru Danny Cremona; (ii) Onorevoli Ministru Dr. Vincent Moran; (iii) Grace Bondin; (iv) Emanuel Micallef; (v) Raymond Caruana; (vi) Vincent Micallef; (vii) Gloria Curmi; (viii) Jean Agius; (ix) Tony Debono; (x) Joseph Abela; u (xi) Emanuel Mackay;

Dawn l-imsemmija xhieda huma kollha ammessi limitatament ghall-prova dwar il-karattru ta' John Bondin, fis-sens gia' spjegat ta' reputazzjoni generali, u bla ebda riferenza la ghal incidenti partikolari li fihom setgha kien involut l-istess Bondin izda li ma jinvolvux lill-akkuzat personalment, u l-anqas ghall-imgieba ta' Bondin ma' xi xhud jew xhieda partikolari jew ghal cirkostanzi ohra msemmija fin-nota tal-akkuzat tal-15 ta' Settembru, 1981;

Mill-imsemmija lista tat-13 ta' Awissu, 1981 kienu gew ammessi ukoll: (i) Gerry Spiteri; (ii) P.S. 1113 Paul Grech Mallia; (iii) P.C. 123 John Zammit; (iv) P.S. Alfred Fabri; (v) Maria Bartolo; (vi) Margaret Bartolo u (vii) Dennis Carabott, li dwar l-ammissibbilita' taghhom qablet l-istess Prosekuzzjoni, kif jidher mill-verbal tas-16 ta' Settembru, 1981, quddiem il-Qorti Kriminali, u li dwarhom m'hemmx appell;

Mix-xhieda li ghandhom jigu ammessi ghandhom jizdiedu ukoll: (i) il-Kummissarju tal-Pulizija, limitatament, pero', biex jesibixxi l-fedini penali ta' John Bondin u Louis Cuschieri, liema fedini penali dejjem gew ammessi f'kazijiet simili mill-Qorti Kriminali, kif jidher mill-kawzi: "Reg. vs Giuseppa Busuttil"(12 ta' Jannar, 1963); "Reg. vs Emmanuele Mercieca" (28 ta' Ottubru, 1955); u Rep. vs Carmelo Mangion" (8 ta' Dicembru, 1977. M'hemmx ghalfejn jinghad li ghall dan l-iskop m'hemmx ghalfejn jidher il-Kummissarju tal-Pulizija personalment, izda l-fedini penali imsemmija jistghu jigu esibiti minn rappresentant tieghu. L-anqas ma hemm ghalfejn jinghad illi l-ammissibbilita' ta' dawn il-fedini penali qieghda tigi subordinata ghall-istess

cirkostanzi li tahthom qieghdin jigu ammessi xhieda dwar il-karattru tal-mejjet, kif gia' spjegat; (ii) P.C. 167 John Cassar u (iii) Joseph Farrugia. Dawn l-ahhar imsemmija zewg xhieda gew ammessi mill-Ewwel Qorti bid-decizzjoni appellata u dwar l-ammissibbilita' taghhom ma sarx appell mill-Avukat Generali, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha dwarhom;

Dwar ix-xhieda tal-Magistrat Dr. Stephen Borg Cardona, Anthony Jones u Joseph Amato, ghandu jigi rilevat mill-ewwel li dawn ma jistghux ikunu ammissibbli, specjalment ghall-iskop dikjarat fl-imsemmija nota tal-akkuzat tal-15 ta' Settembru, 1981, u ghalhekk m'humiex qieghdin jigu ammessi;

Fl-ewwel lok, huwa fatt li l-kompilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja kienet appuntata ghas-smiegh ghall-20 ta' Marzu, 1981, u ma kien hemm l-ebda access ordnat mill-Qorti fis-Salina jew band'ohra, f'dik il-gurnata qabel is-seduta fil-Qorti. Huwa appena necessarju jinghad li l-access jigi ordnat mill-Qorti jew mill-Magistrat Inkwirent, skond il-kaz, fil-gurnata, hin u post li jigi iffissar fid-digriet relattiv, u mhux b'mod iehor;

Fil-kaz in ezami ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lid-Difiza, jekk kien jidhrilha opportun li taghmel hekk, li thalli persuna jew persuni ta' fiducja fil-post in kwistjoni fis-Salina sakemm isir l-access fil-gurnata u hin ordnat mill-Qorti, wara talba 'ad hoc' li kella ssir lill-Qorti, jew verbalment 'seduta stante,' jew permezz ta' rikors. Il-procedura adottata tat-telefonati lill-Magistrat kienet ghal kollox irregolari, u l-ebda vantagg ma jista jittiehed minn din l-irregolarita';

L-enqas, ghalhekk ma tista d-Difiza tilmenta

talli ma kenitx prezentati fil-Qorti ghal xi kontro-ezami jew kontroll ta' xhieda li talvolta xiedet taghmel f' dik is-seduta, u ghalhekk it-talba tal-akkuzat gharrevoka ta' dik il-parti tad-decizjoni appellata li ammettiet ix-xhieda kollha mismugha mill-Qorti Istruttorja fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 1981, qieghda tigi michuda u l-istess xhieda huma ammessi;

Dwar dak li tghid id-Difiza li ma gietx ammessa xhieda minnha mitluba quddiem il-Qorti Istruttorja, kull ma hemm x'jinghad hu illi, kif jidher car mill-artikolu 591 tal-Kodici Kriminali, dan jista se mai jammonta ghal motiv biex tigi eccepita n-nullita' tal-Att ta' l-Akkuza. L-istadju li fih tista tigi sollevata eccezzjoni simili, pero', il-lum huwa sorpassat u ghalhekk kull prova f'dan ir-rigward hija inammissibbli u qieghda tigi michuda;

Dwar ix-xhieda l-ohra kollha ndikati mill-akkuzat fl-isemmija nota tieghu tat-13 ta' Awissu, 1981, u cioe Spettur Charles Demicoli, Tabib Principali tal-Gvern, S.R.B. Carmel Cachia, Pulizija 'on duty' fl-10 ta' Marzu 1981, P.C. 376 Joseph Azzopardi, P.S. 1086 John Saliba, P.S. 1101 Joseph Azzopardi; Dottor Ettore Lucia, Suprintendent Gaetano Pace, Ralph Arrigo, Alfred Cachia, Victor Muscat, John Mifsud; Mario Scerri, Raymond Gauci, Pierre Grima, Joe Grech Marguerat; Registratur tal-Qrati; Avukat Generali tar-Repubblika; Derek Conti; Spettur Angelo Farrugia, Onorevoli Ministru Dr. Patrick Holland; Mark Grima; John Cusha; George Ferris; Wilfred Caruana; Julian Bonello; Joseph Parnis; P.S. 1190 Lia; P.C. 456 A. Pisani; Suprintendent Carmelo Spiteri; u Emanuel Azzopardi, il-Qorti, wara li ghal kull wiehed minnhom

ezaminat bir-reqqa l-oggett tal-prova li d-difiza ddikjarat li trid taghmel bih, waslet ghall-konklusjoni li dawn ix-xhieda m'humiex ammissibbli skond il-ligi u skond il-principji stabbiliti mill-gurisprudenza citata u fil-kontest ta' dak kollu li gie rilevat, u ghalhekk dawn ix-xhieda qieghdin jigu michuda;

Dwar iz-zewg dokumenti esibiti bin-noti tal-14 ta' Awissu, 1981, u t-xx 18 ta' Settembru, 1981, ghandu jinghad fl-ewwel lok li fil-fatt dawn huma dokument wiehed, cioe' Certificate of Service tal-Army dwar l-akkuzat. Fl-14 ta' Awissu, 1981, giet esibita kopja fotostatika u fit-18 ta' Settembru, 1981, gie esibit l-original;

L-Ewwel Qorti, fid-decisjoni appellata, qalet li jidhrilha li taht ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ikun aktar prudenti li ma tippronunzjax ruhha f'dan ir-rigward f'dan l-istadju, u ghalhekk irriservat li tippro nunzja ruhha aktar tard fi stadju ulterjuri tal-process kemm il-darba tinqala l-htiega;

L-Avukat Generali, bl-imsemmi rikors tieghu, appella minn din il-parti tad-decizjoni ta' l-Ewwel Qort

L-Artikolu 501 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-ligi, minhabba r-recidiva, tkabbar il-piena ghar-reat li jsir wara (for a subsequent offence), il-fatt li l-akkuzat kien diga gie precedentement misjub hati u kkundannat ma ghandux jigi muri lill-gurati hlief wara u jekk il-guri jkun iddikjara lill-akkuzat hati ta' l-ahhar reat (of such subsequent offence);

Dan hu in konformita' mal-principju basilari fis-sistema penali taghna li l-akkuzat ghandu favur tieghu il-presunzjoni ta' l-innocenza - presunzjoni li tibqa

tirrenja u tipprotegi lill-akkuzat mal-mument ta' verdett kuntrarju;

L-istess artikolu 501, pero', igid illi kemm il-darba fil-kawza kontra akkuzat ghal dan l-ahhar reat (in respect of such subsequent offence) jew recidiva, jingiebu provi tal-kondotta tajba tal-akkuzat, l-Avukat Generali, bhala twegiba ghal dan, jista jghaddi ghall-qari tal-Att tal-Akkuza (i.e. ta' dik il-parti li tikkontempla r-recidiva u li jkun ghada ma gietx murija lill-gurati) u ghall-prova li l-akkuzat kien gie misjub hati u kundannat ghal reat iehor qabel, ukoll qabel ma l-guri jkun iddikjara hati lill-akkuzat;

Jidher, ghalhekk, minn dan li l-ligi taghna ma tippreskludix lill-akkuzat milli jgib provi tal-kondotta tajba tieghu (fit-test Ingliz "character", i.e. fis-sens gia' spjegat), anzi, fejn ghar-reat li dwaru jkun qed jigi gudikat tkun applikabbli piena akbar imhabba li huwa jkun recidiv, tipprevedi dawn il-provi, salv dak li diga' ntqal dwar id-dritt li tati lill-Avukat Generali f'din l-eventwalita';

Jekk l-akkuzat, pero', bhala mezz defensjonali jew wiehed mill-mezzi defensjonali tieghu jaghzel din il-linja ta' provi dwar ir-reputazjoni tajba tieghu (u anke hawnhekk il-provi ghandhom ikunu limitati ghal reputazzjoni generali u mhux atti specifici jew opinjoni ta' xhieda) il-Prosekuzzjoni ikollha d-dritt tipproduci provi li juru l-kuntrarju, ghax allura l-karattru tajjeb tal-akkuzat isir "a point in issue" (R vs Alf. Zammit, 21 ta' Frar, 1922, Vol. XXV, IV, p. 809);

Generalment, provi dwar il-karattru precedentement tajjeb tal-akkuzat jigu prodotti wara l-verdett tal-

gurati u qabel ma tinghata l-piena mill-Qorti, izda m'hemm xejn x'jimpedixxi lid-Difiza milli tpoggi "in issue" il-karattru tajjeb tal-akkusat quddiem il-gurati, u ghalhekk f'din l-eventwalita' il-provi in kwistjoni ghandhom jigu ammessi, bid-dritt korrispettiv tal-Prosekuzzjoni, kif gia' ntqal, li tipproduci provi li juru l-kuntrarju;

Ghalhekk ghamelt tajjeb l-Ewwel Qorti li rriservat li tipprovdi dwar dawn il-provi aktar tard, fi stadju ulterjuri tal-process kemm il-darba tinqala l-htiega, u ghalhekk, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-parti tad-decizjoni appellata qieghda tigi konfermata;

Ghar-rigward tat-talba tal-akkusat ghall-produzzjoni tax-xhieda indikati bir-rikors u nota tal-31 ta' Awissu, 1981, u bir-rikors u nota tal-15 ta' Settembru, 1981, cioe' wara li kien skada z-zmien stabbilit fl-artikolu 452(1) tal Kodici Kriminali, ghandu jigi rilevat illi s-subartikolu (5) tal-istess artikolu 452 jipprovdi li, bil-permess specjali tal-Qorti jistghu jingiebu xhieda jew dokumenti li ma jkunux gew dikjarati fin-nota li ghandha ssir fl-istess zmien stabbilit fis-subartikolu (1);

Fit-termini tas-subartikolu (6) tal-istess artikolu, dan il-permess tal-Qorti jinghata biss meta l-prova tkun rilevanti u l-Avukat Generali jew l-akkusat ma jkunx beta hsara billi l-prova ma tkunx giet dikjarata fiz-zmien imsemm u s-subartikolu (7) jaghti l-fakolta' lill-Qorti li tordna 'ex officio' li jissejjah xhud jew jingieb dokument li ma jkunx gie dikjarat mill-ebda parti, kemm il-darba jinsab li jkun pxxdaxxxdak mehtieg jew utili li jistemgha dak ix-xhud jew jigi prodott dak id-dokument;

Fil-kaz in ezami, bir-rikors u nota tal-31 ta' Awissu 1981, l-akkusat talab li jipproduci erbgha (4) xhieda ohra

hemm imsemmija, in aggunta ma' dawk li kien diga' indika fin-nota tieghu tat-13 ta' Awissu, 1981, u bir-rikors u nota tal-15 ta' Settembru, 1981, l-akkuzat talab li jipproduci ukoll it-tlieta u ghoxrin xhud hemm imsemmija;

Fl-ebda wiehed minn dawn ir-rikorsi u/jew noti ma gie indikat l-oggett tal-prova u l-akkuzat irid jaghmel b'kull minn dawn ix-xhieda, u ghalhekk l-Ewwel Qorti, kif anke qalet fid-decizjoni appellata, minn dawn in-nota u rikorsi ma kenitx f'posizzjoni tiddecidi jekk kellhiex tammetti jew le x-xhieda mitluba ghax ma setghetx tiddecidi dwar ir-rilevanza taghhom;

Fis-seduta tal-15 ta' Settembru, 1981, pero', quddiem il-Qorti Kriminali d-difensur tal-akkuzat talab lill-Qorti taghtih zmien biex jindika b-nota l-oggett tal-prova tax-xhieda minnu indikati kemm fin-nota prezentata fit-terminu u kemm fiz-zewem rikorsi u noti msemmija prezentati barra mit-terminu;

Il-Prosekuzzjoni, fil-waqt li rilevat li dan messu sar qabel, irrimettiet ruhha ghal kull decizjoni tal-Qorti, u dik il-Qorti fil-fatt laqghet it-talba tad-Difiza u tatha zmien sal-11.45a.m. ta' dik il-gurnata biex taghmel dik in-nota - dak li d-Difiza ghamlet;

Bil-produzzjoni ta' dik in-nota, ghalhekk, fizzmien koncess mill-Qorti, l-Ewwel Qorti ma baqghetx izjed fl-impossibilita' li tiddecidi dwar ir-rilevanza o meno tax-xhieda mitluba mill-akkuzat, izda b'dana kollu, fid-decizjoni appellata cahdet it-talba ghall-produzzjoni tax-xhieda in kwistjoni il-ghaliex dawn ix-xhieda ma gewx mitluba skond il-ligi, billi l-oggett tal-prova "ghandu jinghata fin-nota li jkun hemm mar-rikors ghat-talba ta' xhieda barra mit-terminu";

il-Qorti ż tosserva li l-ligi mkien ma tezigi li l-oggett tal-prova ghandu jigi dikjarat kontestwalment mat-talba ghall-produzzjoni tal-provi, u dan la fil-kaz ta' provi mitluba fiz-zmien utili stabbilit fl-artikolu 452(1) u l-anqas fil-kaz ta' provi mitluba barra minn dan iz-zmien. Fil-kliem tal-artikolu 466(2), infatti, tal-Kodici Kriminali, fl-istadju tal-process wara li l-akkusat ikun wiegeb li mhux hati u wara li r-Registratur ikun staqsa lill-akkusat u lill-Avukat Generali jekk ghandhomx xi eccezzjonijiet dwar il-provi, sija l-Avukat Generali u sija l-akkusat, qabel ma jirrispondu ghall din id-domanda, jistghu jitolbu li l-parti li tkun talbet ix-xhieda tiddikjara xi trid tipprova b'dawk ix-xhieda;

Il-Qorti ma tistax ma tosservax, ghalhekk, li fil-waqt li huwa desiderabbli u rakkomandabbli li fil-kaz ta' talba ghall-produzzjoni ta' provi barra miz-zmien stabbilit mill-ligi, l-oggett tal-prova jigi ndikat kontestwalment mat-talba, biex hekk il-Qorti tkun mill-ewwel f'posizjoni tiddecidi dwar ir-rilevanza ta' dawk il-provi, minn naha l-ohra, pero', ma tistax taqbel li x-xhieda in kwistjoni ma gewx mitluba skond il-ligi ghar-raguni li l-oggett tal-prova g andu jinghata fin-nota li takkompanja r-rikors ghat-talba ta' xhieda barra mit-terminu. Ovvjament, ma tistax xi haga tigi dikjarata mhix maghmula skond il-ligi, ghax tkun nieqsa minn xi haga li l-istess ligi ma titlobx;

Fil-kaz in esami, ghalhekk, la darba l-ligi ma tezigix l-indikazjoni tal-oggett tal-prova kontestwalment mat-talba ghall-produzzjoni ta' provi barra mit-terminu, u la darba d-Difiza ottemperat ruhha mad-digriet ta' l-Ewwel Qorti fiz zmien lilha koncess, ma jistax jinghad li t-talba ghall-produzzjoni tax-xhieda in kwistjoni ghanda tigi michuda

ghar-raguni msemmija fid-decizjoni appellata; u ghalhekk din il-Qorti, fil-waqt li tirrevoka din il-parti tad-decizjoni appellata, tghaddi biex tezamina jekk ix-xhieda ndikati fl-imsemmija rikorsi u noti tal-31 ta' Awissu, 1981, u tal 15 ta' Settembru, 1981, ghandhomx jigu ammessi jew le skond il-ligi u fid-dawl ta' dak kollu li gie premess;

Kif diga' gie rilevat, dawn ix-xhieda jistghu jigu ammessi biss jekk huma rilevanti u jekk il-parti l-ohra (f'dan il-kaz l-Avukat Generali) ma jkunx hata hsara billi l-prova ma gietx dikjarata fis-smien;

Biex nibdew min dan l-ahhar rekwizit tan-nuqqas ta' pregudizzju lill-parti l-ohra, il-Qorti issib rilevanti u taghmel taghha f'dan ir-rigward dak li qalet il-Qorti Kriminali fid-decizjoni taghha tal-5 ta' Novembru, 1953, fil-kawza "Reg. vs Gaetan Micallef" (Vol. XXXVII, IV, p.97) u cioe illi l-pregudizzju hawnhekk "ma jikkonsistix fl-effikacja li jista jkollha l-prova, skond il-kaz, fuq l-akkuza jew id-difiza, imma fid-diffikolta' li tinsab fiha l-parti li kontra taghha tkun sejra tingieb dik il-prova gdida bil-fatt li tkun sejra tigi prodotta f'daqqa, improvvizament, bla ma jkolla l-opportunita' li tikkumbattiha. Fl-avvenament ta' liema ipotesi, ir-rimedju mhux l-esklusjoni tal-prova, imma l-akkordament ta' differiment lill-parti li tkun pregudikata halli tkun tista ggib provi kuntrarji";

Mill-ezami tar-rekwizit l-iehor tar-rilevanza, li kif inghad fl-ahhar citata decizjoni tal-Qorti Kriminali, "tinmizura ruhha mill-materja in kontroversja", jemergi li x-xhieda Dr. Hasankova, Dr. Bata u John Curmi, mitluba bir-rikors u nota tal-31 ta' Awissu, 1981, ghandhom jigu ammessi, u ghalhekk il-Qorti qieghda tammettihom. Ix-

u nota m'hijiex ammissibbli ghax dwar dak li ra fi Spinola Road, fl-10 ta' Marzu, 1981, fil-ghodu, gie ammess biex jixhed Joseph Farrugia (li dwar l-ammissibilita' tieghu ma sarx appell mill-Avukat Generali) u dak li qal li ra dan ix-xhud lill-Degabriele (jekk qallu) huwa irrilevanti, u ghalhekk l-imsemmi xhud Frank Degabriele qieghed jigi michad;

Ix-xhieda kolla mitluba bir-rikors u nota tal-15 ta' Settembru, 1981, ad eccezzjoni ta' William Caruana, Morris Bailey, P.C. Joseph Persiano, Tarcisio Bonnici u P.C. Alexander Bartolo, fid-dawl ta' dak kollu li diga' gie premess m'humiex ammissibbli, u l-Qorti, ghalhekk, tichad il-produzzjoni taghhom;

Dwar l-imsemmija xhieda William Caruana, Morris Bailey P.C. Joseph Persiano, Tarci_sio Bonnici u P.C. Alexander Bartolo, ghandu japplika dak kollu li diga' inghad fil-konfront taz-zewg dokumenti esibiti mill-akkuzat fl-14 ta' Awissu, 1981, u fit-18 ta' Settembru, 1981, u ghalhekk f( dan is-sens u ghall-dawn il-finijiet dawn l-imsemmija xhieda qeghdin jigu ammessi;

Jibqa biex jigi kkunsidrat ir-rikors u nota tal-akkuzat tas-16 ta' Settembru, 1981, li bihom talab il-prodizzjoni tax-xhud Maria Bondin, liema xhud giet eskluza mill-Qorti Kriminali bl-imsemmija decizjoni taghha tal-24 ta' Settembru, 1981;

Kif jirrisulta minn din l-istess decizjoni,din ix-xhud kienet presenti fl-Awla ghas-seduti kolla li zammet il-Qorti Kriminali in konnessjoni ma' dan il-kaz, bl-eccezzjoni ta' intervalli qhar ferm. Huwa appena necessarju jinghad ukoll illi fl-imsemmija seduti quddiem il-Qorti Kriminali saret trattazjoni fit-tul, kemm mid-Difiza u kemm mill-

Prosekuzzjoni, dwar l-oggett tal-prova ta' numru kbir ta' xhieda;

Fit-termini tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, bhala regola, kull min ikun prezenti fil-Qorti waqt is-smiegh ta' kawza, ma jistax jinghieb bhala xhud f'dik il-kawza, u dan l-artikolu jaghti l-fakolta lill-Qorti li tuza d-diskrezzjoni taghha li ma tegghodx ghal din ir-regola f'kazijiet specjali, meta jidhrilha li hemm ragunijiet bizzejjed biex taghmel hekk;

Fil-fehma tal-Qorti, wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, dan mhux wiehed minn dawk il-kazijiet specjali previsti mill-ligi, u ghalhekk ma thossiex gustifikata tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fir-rigward, u ghalhekk tikkonferma l-parti tad-decizjoni appellata f'dan ir-rigward fejn cahdet il-produzzjoni ta' din ix-xhud;

Fl-ahharnett, jibqa' x-xhud Jean Gali, mitlub mill-Prosekuzzjoni, li gie eskluz bid-decizjoni appellata tal-24 ta' Settembru, 1981. Dan ix-xhud gie mitlub in konnessjoni ma' incident li dwaru gew indikati bhala xhieda Albert Rizzo, dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mhux oppost mid-Difiza u P.C. 123 John Zammit, mitlub mid-Difiza u mhux oppost mill-Prosekuzzjoni;

Ghap-parti minn dak kollu li gie premess, il-Qorti hija tal-fehma li la darba ma hemmx opposizzjoni, la minn naha u l-anqas mill-ohra, fir-rigward tal-ammissjoni xhieda Rizzo u Zammit, anke dan ix-xhud Jean Gali', jekk jixhdu dawk iz-zewg xhieda, ghandu jigi ammess, biex hekk ikun jista jinghata kwadru kemm jista jkun komplet tal-fatti

/11 ....

li dwarhom ikunu xehdu z-zewg xhieda msemmija. Ghalhekk, fir-rigward ta' dan ix-xhud u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet li ghadhom kemm saru, tirrevoka din il-parti tad-decizjoni appellata u tammetti l-produzzjoni tax-xhud imsemmi.

Ghalhekk tiddisponi miz-zewg appelli, cioe' dak tal-akkuzat u dak tal-Avukat Generali, it-tnejn tad-29 ta' Settembru, 1981, fis-sens u ghall-finijiet u effetti specifikati u decisi fil-kors ta' din id-decizjoni, u b'dan il-mod u f'dan is-sens tirriforma d-decizjoni appellata.